Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 158/2015

Il-Pulizja

Vs

Raymond Debono

Illum 21 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Raymond Debono, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 483060M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-15 ta' Dicembru, 2013, ghall-habta tas-18:05hrs gewwa triq L-Imdina, Attard:

1) Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru: JUS-412 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

2) U aktar talli rrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun tal-urina;

3) Saq l-istess vettura bla dawl quddiem jew wara.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti illiberatu mill-akkuza numru 2 u sabithu hati tal-akkuzi numru 1 u tleita u mmultatu multa komplessiva ta' €1300.00.

Issospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur u ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeleva minghand l-akkuzat il-licenzja tas-sewqan minnufih b'dan illi din ghandha tigi ritornata lill-akkuzat wara li jkun skada t-terminu tas-sospensjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Raymond Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt litikkonfermaha fejn ma sabitux hati tat-tieni akkuza, tirrevokaha in kwantu sabithu hati tal-ewwel u t-tielet akkuzi u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena imposta, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti toghgobha tikkonferma s-sentenza, timponi piena iktar mita u dan dejjem salf kull provvediment iehor li din l-Onroabbli Qorti joghgobha timponi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Raymond Debono huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u applikazzjoni hazina tal-ligi ghall-akkuza in ezami.

(a) Illi bid-dovut rispett hu inawdit li fl-awla kriminali li suppost hija l-awla tal-provi, li Qorti issib htija, kif ghamlet l-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant,

sempliciment ghax persuna xammet riha hafifa ta' xorb hierga minn fomm l-appellant. L-appellant ma rrifjutax li joqghod ghat-test tal-breathalyser fuq raguni kapriccjuza. Kien tassew mugghuh f'sidru u tant kemm hu hekk li ttiehed l-isptar b'ambulanza u gie ccertifikat li kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi. Allahares ha nibdew insibu htija fuq xamma ghax allura l-Qrati taghna ser jibdwew isibu htija kriminali anke abbazi ta' libel ta' prova possibbli, lanqas ta' x'inhu probabbli, ahzseb u ara ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni kif suppost jigri f'Qorti Kriminali. L-appellant genwinament ihoss u jemmen li s-sejbien ta' htija da parti tal-Ewwel Qorti jirrazenta l-fieragh u ferm ingust, peress li kien sejbien ibbazat fuq 'xamma hafifa' minghajr ebda prova xjentifika kif trid il-ligi. Dan iktar u iktar meta fl-istess sentenza, l-Ewwel Qorti qed tiddikjra li kien veru, ghax anke konfermat minn certifikat mediku, li l-appellant tassew kien midrub u ghalhekk ma setax jaghmel it-test tan-nifs. Mela altru milli l-appellant kellu raguni ghala ma setax jaghmel it-test tan-nifs. L-appellant isaqsi: minn meta l' hawn il-ligi tigi applikata b'mod li tesigi l-irragjonevoli u l-impossibli mill-imputat? Tant kemm l-appellant ihoss li ghandu raguni f'li qed jissottometti li ma jistax ma jissenjalax li l-Ewwel Qorti mhux talli ma segwietx il-massima li d-dubbju ragjonevoli jrid imur favur l-akkuzat, izda talli sabitu hati abbazi ta' prova fuq il-livell tal-possibbli.

2. Illi fi kwalunkwe kaz, il-piena inflitta kienet wahda eccessiva.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi l-impunjattiva imressqa mill-appellanti hija wahda limitata ghall-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta sabitu hati tal-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu kif ukoll diretta lejn il-piena inflitta fuqu billi jidhirlu illi din kienet eccessiva ghalkemm ma jaghti l-ebda spjegazzjoni ghal dan l-ilment tieghu.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-

istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tisma' lill-uniku xhud li xehed *viva voce* f'dawn il-proceduri billi il-provi l-ohra kienu jikkonsistu fl-*affidavits* tal-ufficjali tal-pulizija involuti fl-investigazzjoni tal-kollizzjoni mertu tal-kaz. Illi dawn iz-zewg xhieda "indipendenti" jaffermaw illi meta gie mitkellem l-appellanti fuq il-post tal-incident huma xammew riha ta xorb hafifa hierga minn halqu u imnifsejh. Illi abbazi ta' dawn d-dikjarazzjonijiet probatorji, allura, l-appellanti isostni illi ma setatx tirizulta htija in konnessjoni ma'l-ewwel akkuza billi l-livell tal-prova mehitega fil-kamp penali huwa wiehed drakonjan u allura ma jistax ikun hemm kundanna abbazi ta dak li hu probabbli u mhux fir-relm tac-certezza morali. Test tan-nifs ma ittiehdetx fuq il-post billi jidher illi l-appellanti kien midrub u kwindi ma setax jiehu n-nifs sew fil-magna. Fil-fatt l-Ewwel Qorti espressa dina l-fehma, ghaddiet ghal liberatorja mit-tieni imputazzjoni billi kien hemm ir-rifjut gustifikat minn naha ta'l-appellanti illi jaghmel it-test tan-nifs u dan fid-dawl tal-griehi sofferti minnu li wasslu ghall-impossibilita fizika minn naha tieghu li jobdi l-ordnijiet tal-pulizija sabiex b'hekk ma kellhiex tapplika il-presunzjoni legali ta' htija minhabba tali nuqqas[2].

Illi Robert Baldacchino, l-persuna l-ohra involuta f'dan is-sinsistru stradali, jafferma izda b'certezza kemm fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll issa fi stadju ta' revizjoni illi huwa seta' jikkonkludi illi l-appellanti kien taht l-effett tax-xorb billi meta hareg mill-vettura tieghu huwa rah jixxengel fil-mixi u ighid *expressis verbis* li kellu "*slurry speech*". Illi ghandu jigi senjalat illi l-ufficjali tal-pulizija il-

---

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

[2] Artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65

kuntistabbli 97 u is-surgent Grima ma jirrimarkawx dan l-ahhar fatt izda ighidu biss illi l-appellanti kellu riha hafifa ta' xorb fin-nifs tieghu.

Illi l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li ghaliha tirreferi l-ewwel imputazzjoni jaqra hekk:

**"(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fittriq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi. (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa."**

Illi l-gurisprudenza tghallem li ghalkemm ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx, madanakollu:

**"Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Pace, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa" minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C.**

**Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku."** [3]

[3] Il-Pulizija vs Marlon Montebello – App.Inf. – 09/02/2001

Dak li kellu jigi stabbilit allura, skont it-taghlim gurisprudenzjali surriferiet huwa jekk l-kumpless tal-provi kenux sufficjenti sabiex iwassal lill-Ewwel Qorti ghall-konkluzjoni b'sahhitha li l-appellanti kien xurban fil-waqt li kien qieghed isuq, u li l-istat tieghu ta' sokor kien tali li affettaw l-mod tas-sewqan tieghu. Illi din il-Qorti tqies illi fic-cirkostanzi l-provi kienu kemmxejn fjakki sabiex iwasslu ghal decizjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar ir-reita ta'l-appellanti. Dan ghaliex ghalkemm huwa minnu illi kemm Baldacchino kif ukoll il-pulizija xammew riha ta' xorb fin-nifs ta'l-appellanti, madanakollu fin-nuqqas ta' prova xjentifika li tista' tissostanzja dawn l-allegazzjonijiet huwa kemmxejn difficli jigi stabbilit jekk l-alkohol ikkunsmat mill-appellanti kienx tali li iwasslu fi stat ta' intossikazzjoni tant severa li din kellha effett fuq is-sewqan tieghu. Fuq kollox jidher illi l-appellanti indarab serjament f'dan is-sinistru stradali u kwindi n-natura tal-griehi sofferti minnu setghu ikkontribwew ghad-dehra "zbilancjata" tieghu. Illi jigi rilevat illi l-ufficjali tal-pulizija li investigaw dan il-fatt, it-tnejn huma konkordi meta ighidu illi r-riha ta' xorb li xammew fin-nifs ta'l-appellanti kien wiehed "hafif"[4]. Maghmul dan l-apprezzament, allura huwa ferm difficli ghal din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni illi l-appellanti kien fi stat illi ma kellux kontroll shih fuq il-vettura tieghu, anke jekk ghal xi perijodi momentanji, minhabba xi xorb li seta' ikkonsma, iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi l-appellanti ma kienx f'posizzjoni jiehu it-test tan-nifs minhabba l-griehi li sofra u mhux minhabba rifjut ingustifikat da parti tieghu. Prova ohra dwar jekk fil-verita l-appellanti kienx ikkonsma alkohol f'dik il-lejla ma hemmx. Din il-Qorti ma tistax tasal ghal sejbien ta' htija abbazi ta' dak li hu probabbli mic-cirkostanzi, izda biss abbazi ta' dawk il-provi lil hinn minn kull ombra ta' dubbju dwar ir-reita'. Il-provi li hemm fl-atti ma jilhqux dan il-grad u allura ma humiex sufficjenti tali illi jistghu iwasslu ghal kundanna. Ghaldaqstant abbazi ta' dawn ir-rizultanzi processwali il-Qorti ser tilqa' dan l-ewwel aggravvju imressaq 'il quddiem mill-appellanti.

Illi ghalkemm l-appellanti qieghed jitlob ir-revoka ukoll ta' dik il-parti tad-decizjoni fejn instabet htija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, madanakollu ma iressaq l-ebda

[4] Ara affidavits ta' PC97 u PS3 a fols.12 -14

aggravvju fir-rigward. Din il-Qorti certament ma hijiex mistennija toqghod tfittex hi r-raguni 'il ghala l-appellanti qieghed ihossu aggravvat minn din il-parti tad-decizjoni u ghalhekk billi jonqos aggravvju marbut mas-sejbien ta' htija ghall-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-appellanti, il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkonferma din l-parti tad-decizjoni impunjata.

Illi fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti sejra tghaddi ghal liberatorja fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni, ma tarax illi ghandha tinoltra ruhha fit-tieni u l-ahhar aggravvju sollevat mill-appellanti marbuta mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, oltre ukoll ghal fatt illi l-appellanti lanqas jissostanzja dina l-impunjattiva b'ragunijiet motivati.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi il-Qorti qiegha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn l-appellanti gie illiberat mit-tieni akkuza u fejn gie misjub hati tat-tielet akkuza, tirrevokaha fejn instab hati ta'l-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha. Tirriforma ghalhekk l-piena inflitta u  wara li rat ir-Regolament 97 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 u it-Tieni Skeda tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ammenda ta' €23.29.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur